II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/…

tal-21 ta' Ġunju 2023

li jikkoreġi ċerti verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 48 tiegħu,

Billi:

(1) Il-verżjonijiet lingwistiċi bid-Daniż, bil-Litwan, bil-Pollakk, bit-Taljan u bl-Ungeriż tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 fihom żball fil-punt 2, l-ewwel paragrafu fir-rigward tal-obbligu li jiġu ddeterminati l-ħtiġijiet u l-aspettattivi rilevanti tal-partijiet interessati, li jbiddel is-sustanza tad-dispożizzjoni. Il-verżjoni bil-lingwa Pollakka ta' dak l-Anness fiha wkoll żball fil-punt 4.2, it-tielet paragrafu li jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu stabbilit f'dik id-dispożizzjoni. Iż-żewġ żbalji ġew introdotti bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1505 [2].

(2) Għalhekk jenħtieġ li l-verżjonijiet lingwistiċi bid-Daniż, bil-Litwan, bil-Pollakk, bit-Taljan u bl-Ungeriż tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 jiġu kkoreġuti skont dan. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħrajn mhumiex affettwati.

(3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) Nru 1221/2009, mogħtija fit-22 ta' Diċembru 2016,

[1] ĠU L 342, 22.12.2009, p. 1.

[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1505 tat-28 ta' Awwissu 2017 li jemenda l-Annessi I, II u III tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) (ĠU L 222, 29.8.2017, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(Ma japplikax għal-lingwa Maltija)

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN